**TRIBUNAL GĦAL TALBIET ŻGĦAR**

**MALTA**

**ĠUDIKATUR**

**DR. ANNA MALLIA**

**Seduta tal-25 ta' Novembru, 2016**

**Talba numru: 363/2016AM3**
**Numru fuq l-lista: 56**

**Joseph Said (K.I.122548M) bhala mandatarju specjali**
**ta' Andrew Said (K.I.37547M) li qieghed imsiefer l-Ingilterra**
**u dan ai termini ta' prokura datata 03 ta' Jannar, 2016**

**Vs**

**Antoine Portelli (K.I.301086M) ezercitanti l-kummerc**
**bhala API Contractors ta'**
**91, Triq Hal Qormi,**
**Hamrun**

**It-Tribunal,**

Ra l-Avviż tat-talba fl-ismijiet premessi, ippreżentat fis-06 ta' Settembru, 2016 li permezz tieghu l-attur nomine talba il-hlas minghand il-konvenut fl-ammont ta' seba' mija u hamsa u erbghin ewro u hamsin centezmu (€745.50c) rapprezentant kwantu ghas-somma ta' sitt mija u hamsa u disghin ewro u hamsa u tletin centezmu (€695.35c) hela ta' ilma u kwantu

ghas-somma ta’ hamsin ewro u hmistax-il centezmu (€50.15c) spejjez tal-ittra ufficjali numru 2821/2015 skont l-annessa taxxa.

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm li l-konvenut gie debitatament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawza fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mill-attur noe u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih u ghalhekk ghandu jittiehed bhala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tal-attur noe tirriiżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa` t-talba tal-attur nomine u konsegwentement jikkundanna lil konvenut sabiex ihallas lill-attur nomine s-somma ta’ sitt mija u hamsa u disghin ewro u hamsa u tletin centezmu (€695.35c) .

L-ispejjeż inkluzi dawk tal-ittra ufficjali huma a kariku tal-konvenut.

**Av. Anna Mallia**
**Ġudikatur**